QALA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

Il-Hamis 28 ta' Settembru 2017

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-7:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Paul Buttigieg - Kunsillier

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgħa.

## 26.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

26.1.1 Ma kien hemm ebda qari tal-ittri tal-apologiji.

## 26.2 Diskussjoni dwar ftehim bejn il-Kunsill Lokali Qala u l-Ministeru ghal Ghawdex dwar *Day Centre* fil-Qala.

26.2.1 Is-Sindku gab kopja tad-*draft* ftehim bejn il-Kunsill Lokali Qala u l-Ministeru ghal Ghawdex dwar *Day Centre* fil-Qala li gie ppreparat mill-Ministeru stess. Is-Segretarja Ezekuttiv qrat dan il-ftehim. Il-Kunsill iddecida li ghandhom jigu emendati klawsoli numri 1 u 6. Klawsola numru 1 fejn minflok li ghandha tissemma l-proprjeta` kollha tal-Kunsill ghandha tissemma s-sala tal-Kommunita` biss. Klawsola numru 6 fejn titnehha l-parti fejn kien hemm miktub li f'kaz ta' hsara fil-post il-Kunsill jrid jaghmel il-manutenzjonijiet mehtiega fi zmien xahar u li jekk dan ma jsirx, il-Ministeru jaghmel talli manutenzjonijiet u jitlob rifuzzjoni tal-ispejjes mill-Kunsill. Il-Kunsill iddecida li minflok dan il-paragrafu ghandu jizdied il-paragrafu li l-Kunsill ser jaghmel il-manutenzjonijiet mehtiega izda dan ghas-spejjes tal-istess Ministeru. Is-Sindku ser jghaddi kopja tal-ftehim kif emendat mill-Kunsill lill-Ministeru ghal Ghawdex.

## 26.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

26.3.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:45 ta' filghaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017 fis-6:00 ta' filghaxija.

Konfermati, illum 27 ta' Ottubru 2017.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |